KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 77 Tnejn 10 ta' Ġunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:37 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut- Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar -Viċi Sindku
Joe Gatt- Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**77.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' James Cassar, Joe Gatt u Christian Borg. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 76
REF:74.3.1 Korrispondenza – Email- Permit to Sublease part of tat-Targa
Is-Sindku nforma li fformula l-*agreement,* u għalhekk ħa jiġi ċċirkulat, għal approvazzjoni tal-laqgħa li jmiss.

REF: 74.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Meeting Gibjun
Is-Sindku nforma li t-tieni *manhole* għadu ma jistax jifhem għalxiex mhux lesta. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Inġineer mhux jirrispondi la lilha u l-anqas lil-*handyman.* Is-Sindku nforma biex ngħidu lil-kuntrattur biex jagħlaqha, imbagħad jekk hemm bżonn terġa tinfetaħ.

**REF: 74.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Tintinnabru**
Is-Sindku talab biex is-Sindku l-ġdid u l-Kunsilliera jkomplu jirsistu biex dan jsir. Dan mhux donazzjoni imma mafkar, u s-Sindku nforma lid-Dipartiment meta DLG rrisponda li donazzjonijiet ma jistawx jsiru. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s'issa ma rċevejniex risposta mid-Dipartiment, wara li reġa kiteb is-Sindku.

**REF: 74.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Co-financing Contract Agreement - Construction of new rubble walls & repair, maintenance, re-construction of existing rubble walls**
Is-Sindku nforma li t-tkellem mal-Perit tal-Kunsill biex jtina l-evalwazzjoni tiegħu ħalli niffinalizzaw.

**REF: 74.3.11 Kommunikazzjoni mis-Sindku – PAMA estensjoni ta' applikazzjoni.**
Is-Sindku nforma għad trid tiġi evalwata, kif wkoll fuq nota differenti marbuta mal-PAMA, s-Sindku nforma li ġiet milquwa l-oġġezzjoni tal-Kunsill u tal-pubbliku, u għalhekk mhux ħa tinfetaħ Triq il-Waqqafa.

**REF: 75.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Sleeping Policeman Ponsomby Street qabel College u wara Anġlu Gatt**
Is-Sindku nforma li irċevejna oġġezzjonijiet min xi residenti, fejn ġew evalwati, u peress li kien hemm ħafna lis-*sleeping policeman* mhux ħa ssir.

**REF: 75.4.1 Ħarġa tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li saru total ta' 47 ħarġiet.

**REF: 75.4.14 Triq Ġużeppi Callus**
Il-Kunsillier Bonnici staqsiet li la tneħħew dawn il-*bollards* fi Triq Ġużeppi Callus, hemm bżonn nduru mal-Mosta u kull *bollard orange* li hemm tinqala'. Is-Sindku nforma li Transport Malta jħalli lil-Kunsill li j'approva minnhom dawn il-*bollards,* dejjem bil-permess ta' Transport Malta skont it-Traffic Management Policy, imma mhux li nintlew bihom. Għalhekk, *bollards* jridu jiġu evalwati każ.

Il-Kunsillier Deguara staqsa wkoll dwar żewġ bollards li twaħħlu fuq il-bankina fi Triq Qalbiena Mostin. Is-Sindku talbu biex jibgħatlu r-ritratti.

**REF: 76.3.3 Korrispondenza - Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali Regjonali F'Centri**
Is-Sindku nforma li bgħat l-*email* lis-Sindku l-ġdida.

**REF: 76.3.5 Kommunikazzjoni - Ġnien Reggie Cilia**
Is-Sindku nforma li ħa jiċċirkula l-*agreement* għal-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.

Fis-7:47pm il-Kunsillier Tanti daħal għal-laqgħa.

**REF: 75.4.7 Kuntrattur tal-patching.**
Il-Kunsillier Deguara nforma li għandhom jitniżżlu l-ismijiet tat-toroq fil-minuti. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dik hija referenza fuq minuti ta' qabel, fejn jista jirreferi għal-lista ta' toroq.

**REF: 76.3.4 Kommunikazzjoni - Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Il-Kunsillier Deguara qal li misshom jintniżżlu l-ismijet tal-*keepers* tal-Bee Apiary u li dawn tkellmu mal-Prim Ministru. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kif diġa nfurmat f'waħda mil-laqgħat preċedenti ismijiet ma jistawx jitniżżlu minħabba *data protection*, il-minuti m'humiex *transcription,* u min kellem lil-min waqt avveniment mhux lok li jitniżżlu fil-minuti.

**REF: 76.4.4 Triq il-Midbaħ ma Triq l-Għadajjar**

Il-Kunsillier Deguara staqsa għalxiex għadu ma sarx dawl mat-tabella tal *one-way*. Is-Sindku reġa fakkru, li materji li jittellew f'laqgħa suppost jsiru wara l-approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa ta' wara, pero s-Segretarju Eżekuttiv tibda tmexxi mil-ewwel billi ssir *job list* fejn s-Sindku stess jkun ikkupjat fija, u għalhekk ċerti materji jiġu *tackled* mil l-ewwel, oħrajn jkun hemm bżonn li ssir *works order* għal-kuntrattur, u materji oħrajn jsiru wara l-approvazzjoni tal-minuti.

Is-Segretarju Eżekkutiv nfurmat li dan id-dawl jew *reflective sticker* mhux kemm taqbad u tgħamlu, għax mhux ħaġa li tista tordna għax mhux in-norma, kif wkoll speċjalment jekk jkun hemm bżonn li jsir dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux kull ilment li jidħol jista jiġi *tackled* mil-ewwel u talbet lil-Kunsillier Deguara biex jibgħat x-xogħol li qed jgħid li ressaq u għadhom pendenti.

Is-Sindku nforma li jkun hemm bżonn wkoll li jsiru *site visits,* u għalhekk hemm bżonn iminenti li jkollna Contracts Manager, għax ma jistax jkun li jew jmur idur s-Sindku jew is-Segretarju Eżekuttiv.

Fis-7:57pm il-Kunsillier Micallef Costa talab biex jkun skużat għax kellu bżonn jitlaq.

**REF: 76.4.7 Skart Organiku**

Il-Kunsilliera Bonnici resqet ilment fejn kemm il-darba ġew irrapurtati li lis-skart qed jinġabar f'daqqa. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan mhux l-ewwel ilment li rċevejna, u meta tkellmet mal-kuntrattur infurmata li wħud mit-trakkijiet għandhom il-kompartamenti. Il-Kuntrattur nfurmat wkoll li meta lis-*scammel* jmur ġo mpjanti tal-Wasteserv, hemmhekk jkun hemm uffiċjali tal-Wasteserv jiċċekjaw li lis-skart mhux imħallat. Hemm multi kbar li l-kuntratturi jistaw jeħlu jekk lis-skart jsibuħ mħallat.

Is-Sindku nforma wkoll li għamel ħmistax jdur triq triq wara ta' l-iscammel biex jiċċekja, fejn innota li trukk b'kompartament wieħed jgħaddi darbtejn, u trukkijiet li għandhom żewġ kompartamenti jgħaddu darba. Is-Sindku ssuġġerixxa li hemm bżonn jittieħdu r-ritratti, bħala prova ħalli nkunu nistaw nieħdu azzjoni.

**77.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**77.3.1 Skeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 90.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 21 ta' Mejju sal-10 ta' Ġunju 2019.

### 77.3.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 77.3.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 77.3.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Mejju 2019.

## 77.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-8.10 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-24 ta' Ġunju 2019 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 10 ta' Ġunju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |